18 ta' Jannar, 1950

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Frank German *versus* Domenico Azzopardi (*)

**Provi Kontra l-Miktub — Xhieda — Azzjoni.**

*Il-ġurisprudenza nostrali hija kostanti fis-sens li ma hix ammissibli l-prova testimonjali kontra jew in aġġunta għall-kontenut ta' att miktub; u hi talvolta ammessa biex tikkjarixxi l-intenzjoni tal-partijiet meta din hija espressa b'mod ambigwu.*

*L-indoli ta' l-azzjoni tiġi deżunta mhux tant mill-kliem più o meno eżatti ta' l-att istitutiv tal-ġudizzju, imma mill-iskop li għalih huwa ntiż il-ġudizzju.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta li, b'erba' kuntratti fl-atti tan-Nutar Emmanuele Agius tas-7 ta' Lulju 1945, l-4 ta' Jannar u s-6 ta' Settembru 1946, u ta' l-ewwel ta' April 1947, hu ssellef minn għand il-konvenut erba' kapitali, ta' £500, £300, £250 u £300, rispettivament (Dok. A. B. C. D.), bil-kondizzjoni li għandu jirrestitwihom bir-rata ta' £50 kull sitt xhur l-ewwel tnejn, u ta' £50 fis-sena t-tnejn l-oħra, *oltre* l-imgħaxijiet; illi hu kien ftiehem li kellu jirrestitwixxi dawn il-kapitali bir-rata ta' mhux anqas minn £50 l-waħda kull sitt xhur, jew fis-sena skond il-każ; u li għalhekk il-kondizzjoni għar-restituzzjoni tal-kapitali hekk pretiża stipulata f'kull kuntratt hija nulla u mingħajr effett, għaliex jonqos il-kunsens tiegħu; u talab li, wara li jiġu mogħtija d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha neċessarji, jiġi dikjarat u deċiż minn dina l-Qorti (1) li l-kondizzjoni regolanti t-terminu għar-restituzzjoni tal-kapitali fuq imsemmija hija nulla u mingħajr effett għaliex hemm difett tal-kunsens tiegħu, (2) u li hu jkun konsegwentement mhux obligat josserva ebda terminu, u għandu dritt jirrestitwixxi f'daqqa waħda l-bilanċ tal-kapitali

(*) **Konfermata fl-Appell, Appell Kummerċjali** 2. 5. 1950.

u l-imgħaxijiet rispettivi li talvolta baqagħlu jagħti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Omissis;*

Illi biċ-ċitazzjoni odjerna, anki kif imfissra bid-dikjarazzjoni ta' l-attur fol. 29, l-attur qiegħed jippretendi li kien hemm patt verbali, kontemporaneu għall-kuntratti, fis-sens li l-attur kellu jħallas mhux anqas minn £50 kull sitt xhur jew kull sena, skond il-każ, iżda hu żamm il-fakoltà li jħallas aktar jew kollox kull x'ħin irid (ara anki dikjarazzjoni ta' l-attur fol. 3);

Illi l-konvenut oppona ruħu għall-provi testimonjali ta' dan il-pretiż patt, kuntrarju għall-miktub;

Illi ma hemmx dubju illi l-patt li qiegħed jallega l-attur hu dijametralment oppost għall-miktub; għaliex mentri skond il-miktub it-terminu hu anki favur il-konvenut mutwant, li b'dan il-mod jaf li għandu flusu mpjegati għal tant żmien, għall-kuntrarju, skond kif jippretendi l-attur, it-terminu hu favur tiegħu biss, għaliex hu jista anki jħallas kollox f'daqqa waħda, jekk irid;

Illi l-ġurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hix ammissibili l-prova testimonjali kontra jew in aġġunta għall-kontenut ta' att miktub, u hi talvolta ammessa biss biex tikkjarixxi l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa f'mod ambigwu (ara App. "Muscat vs. Fiteni" 17 ta' Jannar 1917, Appell "Formosa vs. Dingli" 27 ta' Mejju 1925, Prim'Awla "Spiteri vs. Bonnici" 11 ta' Ġunju 1898, Kummerċ "Mangion vs. Briguglio" 4 ta' Jannar 1900, Kummerċ "Frendo vs. Gordon Hall" 6 ta' Marzu 1907);

Illi, kif ingħad, fil-kawża preżenti mhux il-każ ta' patt inċidentali jew aċċessorju, u li ma hux inkonċiljabili mal-miktub, imma l-każ ta' patt prinċipali li, kieku veru, hu assolutament konfliġġenti mal-miktub;

Ikkunsidrat;

Illi lanqas jista' l-attur isostni li f'każ ta' simulazzjoni dik ir-regola "contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur" ma tapplikax. Infatti hawn mhux il-każ ta' simulazzjoni. L-attur ma hux qiegħed jippretendi li n-negozju kien fittizju, b'mod illi l-prova li jrid jagħmel hi diretta biex

tipprova "quod agitur" a preferenza ta' dak "quod simulate concipitur". Saru erba' kuntratti f'dati diversi, u f'kull kuntratt il-patt ġie redatt, kwantu għall-mod tar-restituzzjoni, kif hemm fil-kuntratt, b'termini nkonċiljabili ma 'dak li qiegħed isostni l-attur—bl-indikazzjoni bħala terminu "a quo" tad-data ta' l-ewwel pagament. L-attur irid igħid li kull darba l-patt dwar ir-restituzzjoni, verbalment, kien divers. Dan l-assunt ta' l-attur ma hux ħlief il-pretiża ta' patt verbali kontemporaneu kuntrarju għall-iskritt; u mhux simulazzjoni, la assoluta u lanqas relativa, għaliex l-attur, la qiegħed jippretendi li l-att kien immaġinarju u anqas li bih huma riedu jivvelaw figura ġuridika diversa. Kien mutwu, u mutwu veru, f'kull kuntratt;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur fiċ-ċitazzjoni jsemmi "nuqqas ta' kunsens", li fid-dikjarazzjoni jibbażah fuq "errore di fatto"; iżda mit-trattazzjoni tal-kawża, u senjatament mid-dikjarazzjoni ta' l-attur fol. 29, jidher ċar li l-istanza hija ntiża biex tissovverti, b'patt verbali, il-patt miktub oppost. Hu elementari illi l-indoli ta' l-azzjoni tiġi deżunta mhux tant mill-kliem, pjù o meno eżatti, ta' l-att istitutiv tal-ġudizzju, imma mill-iskop li għalih hu ntiż il-ġudizzju (ara Prim'Awla, "Lloyd vs. Scicluna", 15' ta Frar 1899, Vol. XVII, 26);

Ikkunsidrat;

Illi, rejetti mħabba f'hekk il-provi dwar dan l-allegat patt verbali, l-istanza tibqa' bla bażi;

*Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi;*

Prevja 'r-rejezzjoni tal-provi offerti;

Billi tirrespinġi d-domanda; bl-ispejjeż kontra l-attur.